Hekk sirna jien u int, aħna w uliedna . . .
Sirna ruħ waħda waqt il-ferħ u l-hemm
U twaħħdu qlubna, saru l-lum qalb waħda
Li taf ħajjitha 'l ta' mħabbitna d-demm!

U nibqgħu fihom ngħixu t-tnejn, nitkattru;
Għax imħabbitna m'għandha qatt waqfien;
Hi tgħix fil-mewt; bħal siġra trodd il-ħajja
Fiż-żerriegħa w il-frott, f'newbet iż-żmien!

Għalhekk, ja marti, meta l-lum ġo ħarstek
Tixtorob ħarsti u ddub ruħi fik,
Inħossi dieħel ġewwa l-istess ġenna
Ta' ħolm, ta' ħajja . . . u nitgħajjex bik.

Bħal dak in-nhar . . . bħal dik il-lejla tfawwar
Piż-żah'r, bil-freżja, u bil-ġiżi jfuħ
Ta' Marzu, xah'r twelidek, meta rbaħtni
U ħkimtli qalbi sħiħa ta' żagħżugħ . . .

U ta' kull sena, meta jasal Marzu
Bil-ward u jbusek artab fuq ħaddejk . . .
Terġa' ġo fina l-ħolma taż-żogħżija,
Safja u sabiħa ġewwa ħbub għajnejk!

5 ta' Marzu, 1961.

---

## KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA TAL-GĦAQDA

**Ir-Rużarju**

Xandir ta' Kultura Dumnikana, Vol. XIII No. 1 (minn għand Patri Valentin Barbara, O.P.)

**The Young Listener**

5th Year, March, 1961, April, 1961, No. 7. May, 1961, No. 8. (Mill-Information Office, b'mezz tas-Sur Karmenu Vassallo).



## IN-NAWFRAĠJU

*Ta'* BR. HENRY F.S.C.

*B'tifkira ta' l-Ewwel Anniversarju tal-Festi Ċentinarji ta' San Pawl.*

Pawlu bil-wieqfa, ħarstu fuq l-għedewwa,
Bi kliem meqjus iwieġeb kollu ħeġġa:
"Jien miniex ħati, le! Jien għidt is-sewwa".
U kliemu ħarbat dawk il-Lhud bħal vleġġa.
"La ksirt il-Liġi, la kasbart it-Tempju;
Ta' sedqa w ta' ħelsien, jien nibqa' xempju".

Il-ħakem Festus minn dal-kliem imsaħħar,
Talab lil Pawlu jitla' l-Belt biex jerġa'
Quddiem is-Sanhedrin jistqarr għall-aħħar
Għemilu w Dinu mindu l-ewwel ħarġa.
Hawn Pawlu mnebbaħ wieġeb ta' qalbieni:
"Jien quddiem Ċesri mmur marbut 'ma hieni!"

Fuq mirkeb żgħir, ġo qala sbejħa, wiesgħa,
Kien jinsab Pawlu, b'xi ħabsin imsejkna;
Infetħu l-qlugħ u telgħu dlonk l-għassiesa;
Qalgħu 'l barra, tbegħ'du mill-belt ċkejkna.
"Għal Ruma!" qal ir-rajjes b'leħen qawwi,
U l-mirkeb żiġġ ħafif flimkien mal-gawwi.

X'ħin fuq il-mewġ lubien bdiet tgħib id-dija,
U l-ħemda żdiedet; waqgħet reżħa kbira;
Pawlu qagħ'd jaħseb... Darba filgħaxija,
Qallu l-Mulej: "Mur xandar it-Taħbira,
Fil-Belt il-Kbira mur, Jien dejjem miegħek;
Int il-ġnus kollha għodd b'qaddejja tiegħek".

U wara d-dalma sebaħ jum ta' sħana,
Il-mirkeb baqa' miexi qrib ix-xtajta;
Ix-xemx tiżreġ qatigħ; in-nies għarqana;
Meta fil-beraħ fis instemgħet għajta:
"Sidun! Sidun!" iċ-ċorma ġriet biex tara
Il-mirkeb dieħel dritt fis-skiet, bla ħsara.